MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 245/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Mallia)**
**Vs**
**Darren Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’Rahal Gdid, f’xi hin bejn il-31 t’Ottubru, 2001 u l-1 ta’ Novembru, 2001

1. ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ “Reefer Container Unit” kif ukoll trailer bin-numru tar-registrazzjoni TR-308, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), bil-hin, lok u bix-xorta tal-haga misruqa w li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ Lewis Magri & Sons Ltd;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn

Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2008, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu minn dawn l-akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t'Awissu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni (serq) filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni (ricettazzjoni) u minflok issib lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni w tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe': li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-elementi tar-reat ta' serq u ricettazzjoni, inkluz id-duttrina tal-pussess ricenti w meta wiehed iqis il-provi li ngiebu, n-nuqqas ta' spjegazzjoni - jekk tista' tissejjah hekk - ragonevoli, w ix-xiehda inverosimili tal-appellat, johrog car li dawn ir-rekwiziti legali li jemanaw mid-duttrina tal-pussess ricenti gew sodisfatti. Li l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament komplet u korrett tal-provi fid-dawl tar-rekwiziti legali. L-appellat ma jistax jitwemmen meta jghid li ma kienx jaf min hu Jesmond meta irrizulta li kien hemm tmin kuntatti ma din il-persuna. Hemm il-fatt li l-prezz kien in-nofs ta' dak li verament kienu jiswew ir-*reefer* u t-*trailer* u ma giet prodotta ebda dokumentazzjoni, ebda *log book* u sahansitra ma nghatat ebda ricevuta (mhux fiskali) la ghall-LM400 li l-appellat kien ghadda lil dan Jesmond meta hadlu l-oggetti gol-

barriera w lanqas fuq l-LM2100 meta ghaddew gimghatejn. Ir-*reefer un*it kien gie mizbugh bil-pinzell u n-numru tal-identifikazzjoni tieghu kien mghotti w kien biss wara li nbarxet iz-zebgha minn fuqu w sar *casting* tal-istess martki li seta' jigi rintraccjat u assigurat li dan kien ir-*reefer* misruq. Dan sar biex wiehed jahbi l-provenjenza llecita tal-oggett. L-Ewwel Qorti mbaghad strahet biss fuq il-kelma tal-appellat meta qieset li hu kien xtara dawn l-ingenji bil-prezz tas-suq ghall-ingenji *second hand* minghajr ma kien hemm korroborazzjoni. Ghall-kuntrarju, l-prezz kif stmat mill-espert tekniku ghat-*trailer* kien ta' LM1300 (Fol. 132) Is-sidien xehdu li swielhom mal-LM5000 meta nxtara. Sena w n-nofs wara li nsterqu l-oggetti kienu jiswew aktar minn LM5800 ghax meta nsterqu kienu jiswew LM8000 skond is-sidien. Umbaghad il-fatt li biex dahhal l-ingenji fil-bitha li kellu f' San Gwann l-appellat mar l-ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann biex jitlobhom izommhulu t-traffiku ma jbiddel xejn, ghax il-mera apparenza tal-leggitimita' ma tnaqqas xejn mill-fatt li dan kemm il darba jsir sabiex dak li jkun jevita s-suspett. F' kull kaz, ma jirrizultax jekk meta kien hemm l-Pulizija kienux fil-fatt iddahhlu l-oggetti in kwistjoni jew ingenji ohra. Cirkostanza ohra indikattiva hi li l-appellat hallas lid-derubati w dan m' ghamlux biex jevita "*problemi w cerimonji"* kif jghid hu. Ix-xiehda ta' l-appellat Debono, partikolarment in kontro-ezami, hi nieqsa mill-elementi w rekwiziti li jimmilitaw ghall-kredibilita'. Bizzejjed wiehed jara kif jevadi certi domandi meta mistoqsi dwar il-fatt li r-*reefer* kien mizbugh b' zebgha tal-pinzell, dwar kif kien ser jaghmel biex jikkuntattja lil Jesmond, meta gie mistoqsi ghaliex ma rregistrax u ma ghamilx l-obbligi tat-*transfers* fuq it-*trailer* li fi kliemu ma kellux bzonnu w li xtrah ghax il-prezz kien a buon mercato. .L-aktar prova cara w inekwivoka li l-appellat Debono ma kienx qed jghid il-verita' u li kien jaf sewwa lil Jesmond tohrog mill-ahhar domanda li saret in kontroezami a fol. 217, meta l-appellat gie mistoqsi jekk riedx jaghti infomazzjoni dwar min kien ghaddhielu l-oggetti misruqa. Li l-appellat *"Failed to give a credible explanation of the manner in which he came by them (the goods)."* Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fl-appellat ghar-reat ta' ricettazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell jiccentra fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

"Illi appropositu ta' dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t'appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ovvjament japlika ugwalment fil-kazijiet fejn l-appell ikun qed isir mill-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process. Minn dawn jirrizultaw is-segwenti fatti. Irrizulta li fil-31 t' Ottubru, 2001, *reefe*r, ossia *refrigeration unit/container* ta' 40 pied, li kien mghobbi fuq *trailer* bin-numru ta' registrazzjoni TR-308 kienu nsterqu minn fejn kienu thallew ipparkjati hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata. L-ghada, meta giet skoperta s-serqa, sar rapport lill-Pulizija. Fl-24 t' April, 2002, il-Pulizija gew infurmati minn wiehed mis-sidien, cioe' l-ahwa Magri, li t-*trailer* kien intlemah f' Hal Qormi.  Minn investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta li dan it-*trailer* kien imbiegh lil certu Francis Zammit minnghand certu Malcolm Dimech ghan-nom tal-*employer* tieghu, l-appellat, u dan bil-prezz ta' LM200. Malcolm Dimech, meta gie mitkellem, zvela fejn kien qed jinzamm ir-*reefer unit* u ha lill-Pulizija gol-bitha tal-appellat, sid "Il-Brazzol Fish Shop" f' San Gwann. Hemm instabu zewg *reefers* inkluz dak misruq. Dan kien mizbugh bil-pinzell kollu kemm hu b' zebgha griza li kienet tghatti z-zebgha originali kif ukoll l-*identification number* HDHL90-478022. Din iz-zebgha kellha tinbarax biex seta' jkun jista' jigi moqri n-numru. Dak iz-zmien l-appellat kien imsiefer.

Meta l-appellat gie lura, hu gie interrogat f' Gunju, 2002 mill-Pulizija. Fil-waqt li seta' jaghti spjegazzjoni tal-provenjenza ta' wiehed mir-*reefers* li kienu gol-bitha tieghu, ghar-rigward tar-*reefer* l-iehor dak inkwistjoni, l-ispjegazzjoni tieghu ma gietx accetata mill-Pulizija li pprocediet kontra tieghu bl-akkuzi ta' serq u ricetazzjoni.

Ikkonsidrat,

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat kemm mill-akkuza ta' serq kif ukjoll minn dik ta' ricettazzjoni . L-Avukat Generali pero' fil-waqt li qed jakkwiexxi ghas-sentenza in kwantu lliberat lill-appellat mill-akkuza ta' serq, qed jikkontendi li l-

appellat zgur kellu jinstab hati tal-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni dedotta kontra tieghu.

Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe' :

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998])

S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY :

*"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. <u>Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."</u>*

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***<u>Cross on Evidence</u>*** *,*

*5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* (ara ukoll f' dan is-sens **:"Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs.Richard Spiteri "** [31.8.2006] u ohrajn).

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt u tal-fatti kif abilment esposti fir-rikors tal-appell u anki wara li semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha kkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi li rrizultaw, partikolarment minn dak li qal l-istess appellat fl-istqarrija tieghu w fid-depozizzjoni tieghu, hu kien imissu nduna jew issuspetta b' mod qawwi li t-trailer u r-*reefer* in kwistjoni kienu misruqa w dana bl-uzu ta' intelligenza modika infurmata mic-cirkostanzi kollha. Ghalhekk bir-

rispett ma taqbilx li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, meta ezonerat lill-appellat ukoll mill-akkuza ta' ricettazzjoni, kien wiehed korrett, anzi kollox jissugerixxi l-kuntrarju. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Kwantu ghall-piena , din il-Qorti qieset il-kondotta precedenti tal-appellat, li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat kienet incensurata, kif ukoll il-fatt li hu hallas lid-derubati somma sostanzjali in kumpens tal-oggetti minnhom misruqa, w c-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara li mhux il-kaz li tigi applikata piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa l-appell tal-Avukat Generali w qed tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni w minnflok issibu hati tal-istess u, wara li rat l-artikoli 28A, 334 (a), 261 (c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija li pero', bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, m' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mil-lum l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellat ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu ta' erba snin mill-lum reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu taht l-art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------